MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 344/2005

**Francis Zammit ezercenti l-kummerc taht id-ditta F. Zammit Glass Works**

**vs**

**Androxa Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur noe ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u sebghin lira Maltin u centezmu (Lm1,870.01), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata u dan dejjem skond dokumenti *invoices,* annessi flimkien ma' l-avviz ghas-smiegh u mmarkati bhala Dok 'A1' sa' Dok 'A18' u kif ukoll ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 2005 u annessa bhala Dok 'B'.

Bl-interessi mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta' Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------